MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 81/2014

**David Debono ID 457079M**

**vs**

**Mona Farrugia ID 348572M u b'digriet tas-26 ta' Novembru 2014 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Mona Farrugia Limited**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-Attur qed jitlob minghand il-Konvenuta l-ammont bilancjali ta' tmien mija, wiehed u erbghin Ewro (€841.00c) ghal servizz ta' bookkeeping (rendikont Dok A mal-AVVIZ) bejn id-19/6/2012 u l-15/1/2013. Bl-imghaxjiet.

B'RISPOSTA il-Konvenuta qalet:-

(1) It-talba hi nfondata.
(2) L-attur mhux *accountant* u mhux kompetenti li jissottomtti mal-awtoritajiet inkluzi l-MFSA, *returns* awditjati.
(3) Il-Konvenuta qatt ma talbet *bookkeeping* imma *audited accounts*.
(4) Il-Konvenuta mhux il-legittma kontredittrici billi hi Mona Farrugia Limited li hi ndikata mal-fattura annessa mal-AVVIZ.

B’Degriet tas-26 ta’ Novembru 2014, fuq talba tal-Attur ssejhet fil-kawza Mona Farrugia Limited.

B’RISPOSTA din is-socjeta’ qalet:-

(1) It-Talba fl-AVVIZ ghandha tigi michuda.
(2) L-Attur mhux *accountant.*
(3) Qatt ma ntalbu servizzi ta’ *bookkeeping*

II PROVI

1. Dawn huma siltiet mill-provi lighandhom jitqiesu flimkien ma dak kollu mressaq quddiem it-TRIBUNAL u li jinsab fil-process.

2. L-**Attur** qal li kien tqabbad mill-Konvenuta jaghmel *bookkeeping* u “dan ifisser naghmel *inputting* ta’ dokumentazzjoni u formalizazzjoni ta’ *accounts* sabiex eventwalment l-awditur *Turner & Associates* ikunu jistghu johorgu l-*audited accounts*”. Hu dejjem qad fuq dak li qaltlu l-klijenta. Fl-2010 … s-servizz li pprovda fl-2011. Il-kont tal-2010 thallas bla problemi. L-*invoices* kienu johorgu fuq Mona Farrugia Ltd.

3. **Malcolm Bondin**, iddikjara li hu *Certified Public Accountant* u li l-Attur ghal xi zmien “zamm xi ricevuti u karti (*bookkeeping*) ghall-klijenti tieghu”. Hu mhux CPA ghall-fini tal-MFSA. Ix-xoghol li ghamel l-Attur raga ghamlu hu mill-bidu sabiex l-*accounts* ikunu jistghu jigu sottomessi lill-MFSA.

4. **Mona Farrugia** qalet li personalment ma kellha ebda relazzjoni kummercjali mal-Attur. Ghas-Socjeta’ kjamata-in-kawza kienet (bhala direttur) qabbdet lill-Attur jaghmel *audited accounts* izda mbaghad indunaw li dawn ma kienux *audited accounts* izda biss *bookkeeping*.

5. Xehdet aktar fit-tul fl-udjenza tad-9 ta’ April 2015 (*fol* 27) u qalet li l-Attur kien baghtilhom is-*CV* tieghu u “I skimmed through the *CV*”. Dan ratu stramb ghax l-uniku xoghol li kellha kien ta’ *waiter* u hasbet li s-*CV* kien intbaghat bi zball. Pero kien ghamlilhom xoghol ta’ karti.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL hu soddisfatt li mill-provi jirrizulta li l-Attur ghamel xoghol ta’ *bookkeeping* fl-interess tas-Socjeta’ msejjha fil-kawza u dan serviz ta’ bazi ghall-*accounting* minn haddiehor. Tant hu hekk li ghas-sena 2010 hu thallas bla ebda problema.

2. Hawn jekk xejn iridu joperaw linji ta’ ekwita’ u li jigi appikat il-principju li *labor optat praemium*. Zgur li t-TRIBUNAL ma jissanzjonax li xihadd

"jilghabha tal-iblah". F'dan ir-rigward it-TRIBUNAL qed inaqqas il-*quantum* pretiz ghal €500.00c.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL wara li qies dan kollu u wara li sama b'attenzjoni s-sottomissjonijiet tal-partijiet **jiddeciedi** billi (1) **jillibera** lil Mona Farrugia *proprio* mill-osservanza tal-gudizzju u b'hekk jiddisponi mill-eccezzjonijiet taghha (2) **jaccetta** t-Talba Attrici fil-*quantum* imnaqqas ta' hames mitt Ewro (€500.00c) u (3) **jghaddi** biex jikkundanna lis-Socjeta' imsejjha fil-kawza Mona Farrugia Limited li thallas lill-Attur il-*quantum* ta' €500.00c u jaccetta biss l-eccezzjonijiet ta' din is-Socjeta' inkwantu kompatibbli ma dak deciz favur l-Attur u, fic-cirkostanzi (4) **jordna** u **jiddeciedi** li l-ispejjes tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti kollha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------